*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Tmien Legislatura

## *Laqgħa numru 52*

***06 ta' Marzu 2019***

### *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Noel Scerri -Kunsillier
Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *52.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

52.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

## *52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

52.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

52.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li fil-laqgħa li fiha kien preżenti mall-Onorevoli Michael Falzon ġew diskussi diversi possibilitajiet li l-labour office jerġa jiftaħ il-bibien tiegħu fil-lokalita' tal-Marsa għall-benefiċċju tar-residenti. B'kollox ġew identifikati xi ħames possibilitajiet.

52.3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq talab lill-Kunsill sabiex issir laqgħa mall-istess bord fuq il-korrispondenza li bgħat il-Kunsill b'referenza għal-bdil tal-isem ta' Triq it-Tiġrija għal Triq il-Prim Ministru Duminku Mintoff.

52.3.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega kif bħalma jaf kulħadd hemm paġna fuq facebook ta' Adrian Zammit, fejn permezz ta' dawn il-filmati qiegħed jagħmel diversi akkuzi serji u malafamanti sew fil-konfront tas-Sindku b'mod personali kif ukoll fil-konfront ta' numru ta' Kunsilliera oħra. Is-Sindku qal li jikkundanna b'mod kategoriku dawn l-allegazzjonijiet u dan it-tgħajjir fil-konfront tal-Kunsill kollu. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li minħabba dawn l-akkuzi personali huwa rrikkorra lejn il-qrati fejn talab li ssir kwerela personali sabiex issir ġustizzja u din il-persuna ma tibqgħax titfa dan it-tajn.

52.3.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li huwa wkoll jħoss li din il-persuni qabzet kull limitu u l-Kunsill għandhu bżonn jirrikorri għall-investigazzjoni mill-Pulizija sabiex jitnaddaf l-isem tal-Kunsill kollu wara li saru dawn l-allegazzjonijiet gravi fil-konfron ttiegħu partikolarment l-akkuza li l-Kunsill qiegħed jisraq.

52.3.4 Il-Kunsillier is-Jean Paul Zammit jaqbel li l-Kunsill għandhu bzonn li bħalma għamel is-Sindku fuq livell personali meta ħa passi legali permezz ta' kwerela, ssir kwerela fuq livell ta' Kunsill. Hawnhekk ittieħed vot. Ivvutaw favur li ssir kwerela fuq livell ta' Kunsill is-Sindku s-Sur Francis Debono, il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer, il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit u l-Kunsillier is-Sur Noel Scerri. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa ser jastjeni.

52.3.5 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li minkejja li huwa jikkundanna kull kliem dispreġġattiv fil-konfront ta' kull individwu fil-Kunsill huwa xorta ma jħossx li dan għandu jorbtu ma vot fil-laqgħa tal-Kunsill u b'hekk astjena.

52.3.6 Is-Sindku s-Sur Francis Debono fakkar lill-Kunsilliera li fl-20 ta' Marzu ser ikun hawn preżenti l-Ministru tal-Ambjent biex jagħmel il-preżentazzjoni tal-qasrija lir-residenti u preżentazzjoni lir-rebbieħa tal-kompettizjoni tal-ġbir tat-tappijiet.

## *52.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

52.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Noel Scerri talab jekk jistgħax issir sinjal tat-traffiku li ma tistgħax iddur fuq il-lemin u '*sleeping policemen'* u li din titqiegħed iktar lura fi Triq is-Sebħ ma Triq Simpson. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qabel li jsir dan it-tibdil.

52.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa lill-Kunsill f'liema fażi wasal Ġnien Belvedere. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-unika ħaġa li fadal huwa li jkun hemm 'clearance' min naħa tal-Lands Department hekk kif il-pjanti huma lesti.

52.4.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li hemm parti min bankina f'Qormi Road li għandha bżonn tinbidel. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li din il-bankina ġa ġiet approvata min laqgħa preċedenti tal-Kunsill biex tinbidel.

52.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit qal li hemm bżonn li jsiru tabelli fil-Ġnien 6 t'Awissu sabiex ma jidħlux persuni bil-klieb. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qabel ma din il-proposta għaliex huwa llegali li tidħol f'pitch tal-football bil-klieb. Apparti hekk dawn it-tabella diġa hemm minnhom imwaħħla imma jridu jiżdiedu tabelli oħra li jġibu għall-attenzjoni tal-individwu b'avviż legali 424 tas-sena 2007. Wara kien hemm diskussjoni dwar il-pitch, fejn il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal jekk jistgħax il-pitch jingħata lin-Nursery tal-football. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li din hija deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Kunsill li ġej u mhux f'din il-leġislatura. Is-Sindku qal wkoll li diġa' jeżisti ftehim man-Nursery tal-Marsa u dan is-suġġett jista' jiġi diskuss f'seduta oħra.

## *52.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

52.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## 52.6 *Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

52.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li s-Soċjeta' Muzikali Trinita' Qaddisa nfurmaw lill-Kunsill li l-Għaqda kellha tibdel l-artist li ser jagħmel il-bust tas-Sur Anton Cassar. Dan wara li l-ewwel artist baqa' jinjora l-kuntatti tagħhom. Għaldaqstant l-inawgurazzjoni ta' dan il-bust ser jiġi pospost għal Lulju. Talbu wkoll sabiex il-Kunsill jibda' l-proċess mall-Planning Authority sabiex il-monument ta' Dr Henry Sacco jitmexxa quddiem il-berġa u tas-Sur Anton Cassar jiġi minfloku. Is-Sindku nforma l-Kunsill li din il-proposta diġa' ġiet approvata fis-seduta li għaddiet.

52.6.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li l-Kumitat Festi Esterni ser itella' wirja t'Arti Sagra fil-bini taċ-Ċentru Parrokjali Marija Reġina bejn is-6 u l-14 t'April 2019. Jekk il-Kunsill huwa nteressat jista' jagħmel reklam fuq il-posters u l-flyers li l-ħlas tiegħu huwa ta' €50. Il-Kunsillier is-Sur Noel Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

52.6.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li s-Soċjeta' Mużikali Trinita' Qaddisa qed jibgħatu d-dettalji tal-postazzjoni tal-monument propost kif ukoll ritratti tal-abbozz tal-monument propost tas-Sur Anton Cassar.

52.6.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Awtorita' tad-Djar ser tkompli bil-programm ta' Skema 2 u ser talloka s-somma ta' €12,000 sabiex jintużaw għal manutenzjoni tal-komun fil-binjiet. Għaldaqstant il-Kunsill mitlub jagħżel żewġ blokki sabiex jibbenefikaw min din l-iskema mill-lista' pprovduta mill-awtorita'.

52.6.5 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li l-Awtorita' tal-Ippjanar ħarġet Avviż ta' Infurzar fuq ksur ta' kontroll li hemm f'site fi Triq San Bernard, Marsa.

## *52.7 Deċiżjoni dwar Tender Cleaning and Maintenance of Public Gardens*

52.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li kien hemm total ta' tlett kuntratturi li applikaw għat-tender dwar it-tindif u l-manutenzjoni tal-ġonna. Dawn kienu Redeemer Mifsud għall-prezz totali ta' €10,800 (bla VAT), Progessive Solutions Ltd għall-prezz ta' €43,000 (bla VAT) u S&D Construction Ltd għall-prezz ta' €43,000 (bla VAT). Wara li saret evalwazzjoni kien jidher ċar li l-kumpaniji kollha kienu jilħqu l-kriterji tekniċi tat-tender u għaldaqstant is-Sindku qal li kif inhi l-proċedura stabbilita' bil-liġi, l-kuntrattur li joffri l-orħos prezz u jilħaq il-kriterji mitluba jirbaħ it-tender. B'hekk it-tender ser ikun qiegħed jingħata lir-Redeemer Misud. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *52.8 Deċiżjoni dwar Tender Cleaning and Maintenance of Soft Areas*

52.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li kien hemm kuntrattur wieħed biss li offra s-servizz tiegħu għat-tender dwar it-tindif u l-manutenzjoni tas-soft areas. Il-kumpanija Progressive Solutions Limited qegħda jitlob l-ammont ta' €23,500 li huwa ammont ferm aktar mill-€15,000 li kien qed joffri l-Kunsill mill-allokazzjoni finanzjarja tiegħu. Għaldaqstant il-Kunsill ma jifdallux triq oħra ħlief li jwaqqa'din l-offerta u jerġa joħroġ sejħa oħra bil-għan li jinstab prezz fis-suq li joqrob aktar lejn l-ammont ta' fondi allokati. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *52.9 Deċiżjoni dwar Tender tal-Bulky Refuse*

52.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li kien hemm total ta' tlett kuntratturi li applikaw għat-tender tal-Bulky Refuse. Dawn kienu Alistair Bezzina għall-prezz ta' €5 għall-kull dar, Melchoir Dimech għall-prezz ta' €12 għall-kull dar u Charles Bezzina għall-prezz ta' €2.5 għall-kull dar. Sadanittant, il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Charles Bezzina sabiex jinforma l-Kunsill li dan mgħadux interessat li joffri s-servizz tiegħu lill-Kunsill. Wara li saret evalwazzjoni kien jidher ċar li l-kumpaniji kollha kienu jilħqu l-kriterji tekniċi tat-tender u għaldaqstant is-Sindku qal li kif inhi l-proċedura stabbilita' bil-liġi, l-kuntrattur li joffri l-orħos prezz u jilħaq il-kriterji mitluba jirbaħ it-tender. B'hekk it-tender ser ikun qiegħed jingħata lill-Alistair Bezzina. Il-Kunsillier is-Sur Noel Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *52.10 Business Plan 2019/2022*

52.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li mis-sena li għaddiet id-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed jitlob lill-Kunsilli Lokali sabiex dawn ikollhom business plan li fih ikun hemm estimi tal-infieq u dħul li l-Kunsill ikun qed jipprevedi li jkollhu. Is-Segretarju Ezekuttiv s-Sur Edward Spiteri Audibert qal li f'dan id-dokument wieħed jara li l-figuri qegħdin jindikaw li l-infieq mistenni jiżdied fit-tlett snin li ġejjin, madanakollu, id-dħul li l-Kunsill mistenni li jkollu ser jiżdied ukoll. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *52.11 Rapport Annwali Amministrattiv 2018*

52.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq fuq il-mejda tal-kamra ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2018. F'dan ir-rapport ikun hemm ġabra tal-attendenza tal-Kunsilliera matul is-sena 2018, kelmtejn mis-Sindku u s-Segretarju Ezekkutiv kif ukoll l-infieq u d-dħul tal-Kunsill għas-sena 2018. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu domandi fuq id-dokument mressaq il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *51.12 Press Conference*

52.12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li fil-gimgħat li ġejjin ser ikun hemm tħejjijiet sabiex issir press conference fuq il-ftuħ mill-ġdid tal-Labour Office fil-lokalita' tal-Marsa mill-Onorevoli Ministru Michael Falzon. Filwaqt li s-Sindku qal li m'hemmx data fissa din ser tkun qed titħabbar aktar il-quddiem. Il-Kunsillier is-Sur Noel Scerri issekonda filwaqt li l-vot kien wieħed unanimu.

## *52.13 Inawgurazzjoni tal-Ħawt*

52.13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Membri tal-Kunsill li l-ħawt tal-ilma tal-bhejjem issa huwa lest u għaldaqastant hemm bżonn li tinstab data addattata għal kulħadd sabiex dan jiġi nnawgurat. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie deċiż li l-ħawt jiġi nnawgurat nhar il-Ħadd 31 ta' Marzu fl-10.00am. Għal din l-inawgurazzjoni l-Kunsill ser jistieden lill-Għaqda Storika u Kulturali tal-Marsa u s-Sur Paul Dimech. L-iskrizzjoni li jkun hemm fuq il-plakka jkun li dan il-ħawt tal-ilma tal-bhejjem ġie rrestawrat mill-Kunsill u nawgurat mis-Sindku fil-31 ta' Marzu 2019. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *52.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

52.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm u ġiet aġġornata għal 10 t'April fis-6.15pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 10 t'April 2019